**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 136**

It-Tlieta, 20 ta' Ġunju 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.00 p.m.

L-Onor. Michael Farrugia, Membru maħtur biex jippresjedi skont il-Mozzjoni 152, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali l-Onor. Aaron Farrugia, il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima, il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi kienu msiefra fuq xogħol tal Gvern.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. David Agius, l-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Naomi Cachia, l-Onor. Beppe Fenech Adami, l-Onor. Cressida Galea u l-Onor. Davina Sammut Hili kienu msiefra fuq xogħol tal-Parlament.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża l-Onor. Miriam Dalli, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Graziella Galea u l-Onor. Chris Said kienu skużati.

Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri u l-Onor. Edward Zammit Lewis kienu assenti.

**TALBA**

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 135 li saret fid-19 ta' Ġunju 2023 kienu kkonfermati.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 9281 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1945 Email datata 18 ta' April 2023 dwar numru ta' items li ntalbu li jitilgħu fuq l-aġenda tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, inkluż għal żewġ zebra crossings ġodda fi Triq it-Trunċiera, San Pawl il-Bahar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 10112;

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali qiegħed fuq il Mejda tal Kamra:

P.L. 1946 Avviż Legali Nru 119 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikolużi, Terminals u Faċilitajiet Marittimi u Bunkering;

P.L. 1947 Emails datati 16 u 17 ta' Mejju 2023 dwar applikazzjoni għal zebra crossing fi Triq it-Trunċiera, San Pawl il-Baħar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 10111;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1948 Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 9418 li ngħatat fis-seduta 131 tas-6 ta' Ġunju 2023;

P.L. 1949 Exemption Order CFR 116/23 (MF16/84/199) maħruġa fid-19 ta' Ġunju 2023 lil Festivals Malta Agency skont l-artikolu 12(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap. 123;

P.L. 1950 Rapport Annwali tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta′ Malta (MFSA) għas-sena 2022; u

f'isem il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1951 Tabella li turi n numru ta' applikazzjonijiet approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA għal stabbilimenti ta' ikel u xorb, maqsuma lokalità b'lokalità fil-perjodu bejn Jannar 2013 u Ottubru 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9664;

P.L. 1952 MEPA Circular 01/15 bl-isem Transport Impact Assessments, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 9666; u

P.L. 1953 Lista tal-inferred available balance minn fondi tal-Urban Improvement Fund/Planning Fund ta' kull kunsill lokali, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 10127.

**147. MOZZJONI BIEX TEMENDA L-AVVIŻ LEGALI 98 TAL-2023 - REGOLAMENTI TAL-2023 LI JEMENDAW IR-REGOLAMENTI DWAR IŻ-ŻAMMA TAL-KLIEB**

L-Onor. Janice Chetcuti, tipproponi:

Billi nhar l-24 ta' April 2023 il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iż-Żamma tal-Klieb - Avviż Legali 98 tal-2023 (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 439.21);

Billi dawn ir-Regolamenti dwar iż-żamma tal-klieb ġew ippubblikati mingħajr ebda konsultazzjoni mal-istakeholders, u mal-Oppożizzjoni, iżda b'sempliċi daqqa ta' pinna tal-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali;

Billi l-Oppożizzjoni temmen li dawn ir-regolamenti ma jirrispettawx fit-totalità tagħhom id-drittijiet u l-ħarsien dovut lejn l-annimali;

Billi l-Oppożizzjoni tasal għal dan wara li ġie nnutat li aħna naqblu mal-Artikoli proposti, numerati minn 1 sa 4 għax dawn jagħtu l-importanza biex klieb ta' daqs differenti jkollhom spazju relatat mad-daqs tagħhom u allura addattat u bżonjuż fejn jiġu miżmuma;

Billi l-Oppożizzjoni allura ma tistax tifhem u taċċetta għalfejn dan id-dritt bażiku ta' spazju għall-klieb differenti ser jiġi mċaħħad milli jingħata lill-klieb kollha b'mod ugwali kif inhu mistenni iżda joħloq **diskriminazzjoni** għal dawk il-klieb li jgħixu ġewwa santwarji, pet shops u / jew stabbilimenti ta' akkomodazzjoni għall-klieb u qtates:

Billi l-Oppożizzjoni temmen ukoll illi permezz tal-inklużjoni tal-aħħar paragrafu ġewwa A. L. 98 tal-2023, din id-diskriminazzjoni maħluqa bejn klieb li ma jkunux qed jinżammu hekk kif stipulat f'din il-parti, iżda għand individwi oħra li ma jaqgħux taħt pet shops u / jew stabbilimenti ta' akkomodazzjoni għall-klieb u qtates, dawn jistgħu jiġu imposti fuqhom penali amministrattivi minħabba n-nuqqas ta' konformità ma' dak li hu mistenni bħala spazju biex kelb jgħix f'ambjent komdu u mistħoqq biex jgħix tajjeb. Iżda jekk kelb ieħor tal-istess daqs u forma jkun qed jgħix ġewwa santwarju, pet shop u / jew stabbiliment ta' akkomodazzjoni għall-klieb u qtates, din il-forma ta' nuqqas fil-konfront tiegħu tkun aċċettata!

Billi l-Oppożizzjoni għaldaqstant mhux qed tara koerenza allura ta' rispett lejn l-annimali kollha bl-istess mod, irrelevanti fejn jgħixu.

Billi l-Oppożizzjoni tara u tifhem l-importanza li kull kelb ikollu l-ispazju meħtieġ biex jgħix ħajja dinjituża u komda għalih, irrelevanti fejn u ma' min jgħix.

Billi l-Oppożizzjoni temmen ukoll illi dan it-tibdil fl-Avviż Legali prinċipali permezz tal-Avviż Legali sussegwenti, f'perjodu ta' ftit ġranet, joħroġ biċ-ċar in-nuqqas ta' konkretezza u kredibbiltà fid-deċiżjonijiet meħuda biex l-annimali u l-ħarsien tagħhom jittieħed bis-serjetà;

Billi l-Oppożizzjoni tisħaq illi dan l-Avviż Legali surreferit ma jirrispettax id-drittijiet bażiċi tal-annimali msemmija u ċjoè l-klieb u l-ispazju fejn jistgħu jiġu mrobbija u / jew miżmuma;

Billi l-Oppożizzjoni tisħaq li hi totalment favur il-ħarsien tal-annimali u d-drittijiet tagħhom, b'rispett lejn il-karatteristiċi u d-daqsijiet uniċi tagħhom, illi tant hu hekk fil-passat kien proprju Gvern immexxi minn Partit Nazzjonalista li ħoloq u beda d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali u anke fetaħ iċ-Ċentru San Franġisk, l-ewwel klinika għall-annimali miġbura minn barra t-triq u salvati;

Billi għalhekk l-Oppożizzjoni qiegħda tieħu dan il-pass favur u b'rispett sħiħ lejn il-Ħarsien u d-Drittijiet tal-Annimali;

Għal dawn ir-raġunijiet prinċipali u oħrajn li l-Oppożizzjoni tkellmet dwarhom pubblikament, din il-Kamra tirrisolvi li r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iż-Żamma tal-Klieb - Avviż Legali 98 tal-2023 - għandu jiġi emendat billi l-proviso għall-partita 2 tal-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, kif tinsab fl-artikolu 4 tal-Avviż Legali 98 tal-2023, li jaqra:

> 'Iżda l-ispazju minimu għall-klieb fit-tabella kif stipulat f'din il-partita, ma għandux japplika għal santwarji, pet shops u, jew stabbilimenti ta' akkomodazzjoni għall-klieb u qtates.'

għandu jiġi mħassar.

L-Onor. Paula Mifsud Bonnici ssekondat.

L-Onor. Michael Farrugia informa lill-Kamra li l-ħin tas-seduta kellu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Oppożizzjoni u kelliema tal-Gvern, bil-ftuħ u l-għeluq għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Janice Chetcuti u l-Onor. Robert Cutajar għan-naħa tal-Oppożizzjoni u l-Onor. Anton Refalo, l-Onor. Alicia Bugeja Said, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea u l-Onor. Romilda Zarb għan-naħa tal-Gvern.

Fis-6.45 p.m. meta l-Onor. Michael Farrugia għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Onor. Janice Chetcuti ntalbet votazzjoni, li kellha tittieħed fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol tas-seduta tat-28 ta' Ġunju 2023 skont ftehim milħuq fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2023.

Il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

Fis-6.46 p.m. il-Kamra kienet sospiża u rriżumiet fis-6.49 p.m.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 21 ta' Ġunju 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 20) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Abbozz 47) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Forrnituri ta' Servizzi ta' Finanzjamenti Kollettivi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol maż-Żgħażagħ | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | Tielet Qari |
| Estimi ta' Jobsplus għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Patrimonju Malta u Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Riżoluzzjoni dwar Trasferiment ta' Proprjetà – Ex Edible Oil Site | Votazzjoni |
| Riżoluzzjoni dwar Trasferiment ta' Proprjetà fi Triq l-Imdina ġewwa Ħaż-Żebbuġ | Votazzjoni |
| Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 96 tal-2023 - Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Żvilupp Eżistenti | Votazzjoni |
| Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 98 tal-2023 - Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iż-Żamma tal-Klieb | Votazzjoni |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon.

L-Onor. Michael Falzon qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1954 Tabella li turi l-għadd ta' social workers jaħdmu mal-FSWS sena b'sena bejn l-2012 u l-2020;

P.L. 1955 Korrispondenza permezz ta' email li għaddiet bejn il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittiijiet tat-Tfal, il-Kap Eżekuttiv tal-FSWS u l-Uffiċċju tad-Dekan tal-Fakultà għall-Ħarsien tas-Soċjetà fl-Università ta' Malta dwar appuntament għal laqgħa li kellha ssir bejniethom fl-20 ta' Ġunju 2023 u li ġiet posposta; u

P.L. 1956 Email datata 19 ta' Ġunju 2023 mibgħuta mid-Dekan tal-Fakultà għall-Ħarsien tas-Soċjetà fl-Università ta' Malta lill-Membri Parlamentari dwar il-professjoni tas-social workers.

Fis-7.20 p.m. l-Onor. Michael Farrugia avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 21 ta' Ġunju 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

**ELEANOR SCERRI**
**AĠENT SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**